# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmel Decelis**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Carmel Decelis**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 558441M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar it-3 ta' Ottubru, 2016 u fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lil Lilian Tabone u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.
B) kif ukoll li permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet il-provi prodotti;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-persuna imħarka hija persuna differenti minn dik illi kellha titħarrek għal dan il-każ. Għalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat odjern ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

## *Decide*

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddikjara lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum it-18 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***